# QORTI CIVILI – PRIM'AWLA

## IMHALLEF:

## ONOR. GIANNINO CARUANA DEMAJO LL.D.

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 16 ta' Ottubru, 2001**

**Numru 14**

**Cit. Nru. 1195/2001 GCD**

**Sullivan Maritime Limited**

**Vs**

**Graja & Coarsi (Malta) Limited**

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni li biha s-socjeta` attrici, wara li qalet:

Illi s-socjeta` attrici pprovdiet servizzi lis-socjeta` konvenuta, konsistenti f'garr ta' merkanzija, skond istruzzjonijiet ta' l-istess socjeta` konvenuta;

Illi s-socjeta` konvenuta hija ghalhekk debitrici tas-socjeta` attrici fis-somma bilancjali ta' Lm2,862.03 (elfejn tmien mija u tnejn u sittin lira u tliet centezmi);

Illi nonostante li kien hemm korrispondenza bejn il-partijiet, li biha s-socjeta` attrici interpellat lis-socjeta` konvenuta sabiex thallas, din pero` baqghet inadempjenti;

Illi dan id-debitu huwa cert, likwidu u dovut u fl-opinjoni tas-socjeta` attrici s-socjeta` konvenuta m'ghandhiex eccezzjonijiet x'taghi u ghalhekk il-kawza tista' tigi deciza ai termini ta' l-artiklu 167 tal-Kodici tal-Procedura Civili;

Talbet illi din il-Qorti:

1. taqta' u tiddeciedi l-kawza ai termini ta' l-artiklu 167 tal-Kodici tal-Procedura Civili u cioe` bid-dispensa tas-smigh tal-kawza; u

2. tikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' elfejn tmien mija u tnejn u sittin lira u tliet centezmi (Lm2,862.03) lilha dovuta – kollox skond kif intqal fuq u ghar-ragunijiet fuq premessi;

Bl-imghax legali mid-data ta' l-"invoice" relattivi u bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra legali tal-1 ta' Gunju 2001 kontra s-socjeta` konvenuta.

Rat ukoll l-*affidavit* mahluf minn Ernest Sullivan u rat id-dokumenti u l-atti kollha fil-process.

Rat illi c-citazzjoni u l-avviz tas-smigh kienu notifikati lis-socjeta` konvenuta fiz-zmien li trid il-ligi, izda, ghalkemm il-kawza ssejhet tliet darbiet, baqa' ma deher hadd ghas-socjeta` konvenuta.

Billi ghalhekk l-artt. 167 *et seqq*. tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili jridu li s-sentenza tinghata llum stess bid-dispensa tas-smigh, il-Qorti taqta' l-kawza billi fil-kontumacja tas-socjeta` konvenuta tilqa' t-talbiet maghmula fic-citazzjoni, bl-ispejjez.

**Onor. Imhallef Giannino Caruana Demajo LL.D.**

Dep. Reg.

cm